MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 404/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Melvyn Camilleri)**
**Vs**
**Antonio Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April, 2009 u Mejju 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Josette Grech is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
tas-26 t’Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xaharejn (2) ai terminu tal-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ elf, mija w hamsa w sitt Euro (€1165) lil martu Josette Grech fi zmien xaharejn ai terminu tal-artikolu 24 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u subordinatament u assolutament bla pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza, f’kaz li dina l-Qorti jidhrilha li mill-fatti kif konstatati li l-appellant huwa hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu allura ghandha tigi applikata piena ehfef u aktar addattata lill-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
1. Illi l-Ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazjoni ta’ l-istat mentali u finanzjarju ta’ l-appellant kif irrizulta mill-provi prodotti quddiemha. In-nuqqas ta’ l-appellant li ma jhallasx il-manteniment kif stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenwali mhux xi wiehed kapriccjuz jew b’impika, izda minhabba l-mard mentali serju tieghu li hallih inkapaci ghal kwalsiasi tip ta’ xoghol, fatt dan konfermat kemm it-tabib Psikjatra Dr. Joseph Spiteri MD u mid-diversi tobba u professuri kompetenti l-Bord Mediku li ezaminawh;
2. Illi l-Ewwel Qorti imxiet b’mod insensittiv fic-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz partikolari. Kull ma ghamlet l-Ewwel Qorti kien li staqsiet zewg domandi : (1) hemm kuntratt ta’ separazzjoni li stabilixxa l-manteniment? (2) L-appellant hallas puntwalment jew fi

zmien 15 il-gurnata? U waqfet hemm u la darba ghaliha r-risposti ghal dawn iz-zewg domandi kienu fil-posittiv hija sabitu hati. Pero' b'dan il-mod l-Ewwel Qorti tat lok ghall-ingustizzja lampanti. Ghax hekk jigri jekk il-gudikant ma jimpurtahx mir-raguni l-ghaliex ir-ragel ma jkunx hallas il-manteniment bhal per ezempju jekk l-appellant maradx, jew jekk tilifx l-impjieg, jekk taghtux puplesija, jekk qieghedx go qiegh ta' sodda, jew jekk il-mara hijiex tabita "marte uxorio" ma' ragel iehor, jew jekk rebhitx il-lotterija nazzjonali. Dan ifisser illi li kieku l-Qorti kellha f'dawn il-kazijiet kollha tapplika l-ligi billi semplicement thares lejn il-Kodici u tirrispondi z-zewg domandi fuq imsemmija, allura zgur li jigru ngustizzji kbar;

3. Illi l-ligi ma tistax tigi applikata b'tali mod li tkun muta u truxa ghal kull raguni u tibghat il-habs lil kull persuna li ma thallasx il-manteniment stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni jew degretat mill-Qorti. Il-ligi mhijiex xi forma mekkanika li wiehed jasal ghaliha b'zewg domandi u lanqas huwa l-gudikant xi robot. Anzi huwa d-dover tal-Qorti li tidhol u tiskrutina r-ragunijiet il-ghaliex l-appellant ikun waqaf ihallas il-manteniment. Dan il-ghaliex il-ligi ma tistax tippretendi l-ezekuzzjoni ta' l-impossibbli jew l-oltraggjuz taht il-piena ta' sanzjonijiet kriminali;

4. Illi l-appellant mhijux jghid li huwa ma ghandhux jfittex ir-rimedju billi jadixxa tempestivament halli l-Qorti Kompetenti tbiddel il-kuntratt jew tvarja d-digriet tal-manteniment. U dak hu li l-appellant ipprova li ghamel anki ferm qabel il-bidu tal-proceduri kriminali. Fil-fatt, huwa ghamel il-prova li huwa ntavola l-kawza civili opportuna (Ir-rikors numru 341/2008 NC fl-ismijiet "Antonio Grech vs Josette Grech" quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, biex din wara li tihu konjizzjoni tal-provi tipprovdi li ghandu jinheles minn dan l-obbligu tal-manteniment sa minn meta huwa marad u waqaf jircievi s-salarju tieghu u cioe sa minn Novembru 2007. Huwa hawn in-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti ghax hija naqset ukoll li tikkonsidra illi mentri l-proceduri civili jiehdu z-zmien u f'dan il-kaz il-konvenuta ghamlet kemm felhet biex il-kawza timxi bis-sulluzzu fil-waqt li ghagglet il-proceduri kriminali li jigu decizi sommarjament. Minkejja li gie pruvat li hemm kawza civili pendenti hija naqset li tistenna l-ezitu ta' tali proceduri;

5. Illi inoltre l-Ewwel Qorti naqset ukoll li tikkonsidra illi l-appellant ma ghadux jircievi s-salarju tieghu u waqa fuq beneficcju socjali u jircievi pensjoni ta' l-invalidita' li biha malappena jghaddi hu u l-familja tieghu li tikkonprendi l-partner tieghu u tlett itfal li wiehed minnhom hu tieghu. Minn naha l-ohra martu Josette Grech ippercepixxi hi ukoll ghajnuna socjali, beneficcju tal-mard u "childrens' allowance", apparti ukoll illi tahdem is-Siggiewi u t-tifla l-kbira Janika Grech qed tahdem mal-Palm Valley Restaurant u fl-istess hin qed tippretendi f'dawn il-proceduri kirminali li ghandha tithallas il-manteniment taghha wkoll;
6. Illi l-Ewwel Qorti messha fic-cirkostanzi tal-kaz, nfliggiet piena ehfef u aktar addatata lill-appellant;
7. Illi tenut kont tac-cirkostanzi li jinkwadraw il-kaz odjern partikolarment il-mezzi limitatissimi ta' l-appellant il-piena nflitta hija wisq eccessiva. Din l-eccessivita' fil-piena tirrigwarda l-piena nflitta tal-hlas tas-somma ta' €1165 abbazi ta' l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. La darba l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati hija kien messha nfliggiert l-minimu li setghet skond il-ligi, jew l-iktar piena aktar adatta specjalment fic-cirkostanzi sensittivi u partikolari ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa mizzewweg lil Josette Grech u kellhom tlett itfal Yanika, Shawn u Wayne. Issepparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt tat-18 ta' Marzu, 1997 in forza ta' liema l-appellant kien obbligat li jhallas manteniment lill-martu ghaliha w ghat-tlett uliedu s-somma ta' €584.67.

Dak iz-zmien l-esponenti kien impjegat bhala health assistant fl-isptar Monte Carmeli.

Ghal xi snin dan il-hlas kien qed isir b'mod regolari, pero' gie allegat illi l-appellant marad u gie "borded out" u xehedu f'dawn l-atti Dr. Joseph Spiteri fejn spjega illi l-appellant illi pazjent tieghu ghal tlettax il-sena w ghandu episodji ta' depressjoni w paranojja w anki wkoll tendenzi suicidali. It-trattament jiehu fit-tul u kkonferma c-certifikati

minnu rrilaxxati w relatati mal-procedura tal-"bording out". Iddikjara illi l-appellant mhuwiex tajjeb ghax-xoghol.

Fil-frattemp l-appellant adixxa lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex jottjeni varjazzjoni tal-klawsola tal-manteniment skond il-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 1997, b'decizjoni moghtija mill-Prim'Awla fil-21 t'April 2010, il-Qorti tal-Familja laqghet it-talba tal-appellant b'effett mill-11 ta' Novembru, 2008.

Skond il-komparixxi l-appellant huwa mixli illi huwa ma hallasx manteniment ghax-xhur ta' April u Mejju 2009.

Meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza taghha fis-26 t'Ottubru, 2009 ma kellhix quddiemha d-decizjoni tal-Qorti tal-Familja illi nghatat xhur wara w cioe' f'April 2010 u kien ikopri l-perjodu illi tieghu l-appellant kien qed jigi mixli illi ma hallasx.

Verament dak iz-zmien id-digriet tal-Qorti tal-Familja ma kienx ghadu nghata w ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet gustifikata illi tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha w deherilha illi kellha tilliberah b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn a termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' imponiet lill-appellant l-obbligu li jhallas lill-martu Josette Grech l-ammont ta' €1165 fi zmien xahrejn.

Il-posizzjoni legali ta' din is-sitwazzjoni hi illi meta giet ipprezentata l-akkuza fit-13 t'Awissu 2009 l-appellant kien fi ksur tal-Ligi meta ma hallasx fi zmien hmistax il-gurnata l-ammont ta' manteniment kif kien obbligat li jaghmel.

Din il-Qorti pero' ma tistax ma tikkonsidrax il-kambju fis-sitwazzjoni legali tal-appellant bid-digriet tal-Qorti tal-Familja tal-21 t'April 2010 fejn helsitu mill-obbligu tal-manteniment b'effett mill-11 ta' Novembru 2008. Kwindi filwaqt illi kien minnu illi fiz-zmien tal-ghoti tad-decizzjoni tal-Ewwel Qorti l-appellant kien morus u skatta l-vot tal-Ligi fil-konfront tieghu, l-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax ukoll id-decizzjoni tal-Prim'Awla illi lliberat lill-appellant mill-obbligu li jhallas il-manteniment b'effett mill-11 ta'

Novembru 2008, kwindi ma tistax tinforza dik il-parti tal-ewwel decizjoni fejn ordnat lill-imputat li jhallas lill-martu l-ammont ta’ €1165.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell in parti, thassar u tannulla dik il-parti tad-decizjoni fejn obbligat lill-appellant li jhallas lill-martu l-ammont ta’ €1165 fi zmien xahrejn u tkkonfermaha mill-bqija w cioe’ fejn illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn a termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema terminu ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------